Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 174 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Brian Barbara

Illum 21 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Brian Barbara, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 307775 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Jannar 2010 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll;

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tat-29 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a) u 8 (b), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għall-piena ta' disa' xhur (9) priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri, u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, tnejn u sebgħin ewro u erba' ċenteżmi (€172.04) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€252.40). Dawn l-ispejjeż ammontanti b'kollox għas-somma ta' erba' mija, erbgħa u għoxrin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€424.44) għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dok. JF 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat r-rilaxx tas-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) esebita bħala Dok. JF 2 u tal-mobile phone formanti parti minn Dok. JF 3, favur il-ħati.

Ordnat wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Bjorn Dalli in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-ghan, ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Brian Barbara, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-14 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA s-sentenza appellata fejn THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fil-parti tal-piena u minflok timponi piena iktar ekwa u gusta; jew alternattivmanet **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz inkluz billi tikkunsidra illi l-appellant ikun jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat l-aggravji tal-appellant fosthom dak enumerat numru 2 intitolat 2L-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta"

Rat dak verbalizzat mill-appellant fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019[1] fejn a bazi tal aggravju minnu imressaq talab lil din il-Qorti tikki=onverti ruha f'Qorti ta Droga ai termini tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta Malta.

Rat li Dr Charles Mercieca ghall-Avukat Generali irriserva li jipprovdi r-risposta tieghu ghal wara li jara jekk mill-provi li ser jigu provduti il-vot tal-ligi huwix ser jigi sodisfatt.

Fil-att dak in-nhar tess tat-22 ta Ottubru, 2019 l-appellant issugerixxa li tigi nominat l-psikologa Dr Roberta Holland sabiex thejji rapport dwar l-appellant u appuntu sabeix

[1] Fol. 101

tistabilixxi jekk fiz-zmien li gew kommessi dawn l-allegati reati u cioe f Jannar 2010 u fix-xur ta qabel, l-appellant kellux dependenza fuq droga.

Rat li l-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali nomina u l-Qorti ghaddiet abix tinnomina lill-istess Dr Roberta Holland dakinhar stess u dan ghall-istess skop specifikat fil-verbal.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2019 xehet Dr Roberta Holland u pprezentat ir-relazzjoni taghha maghmul ai fini tal-inkarigu moghti lilha.

Rat ir-rapport esebit u markat bhala dok RH. Minn esami ta' dan ir-raoport jirrizuta bic-car li mill-analisi li saru u meta wiehed jikkonsidra kemm l-informazzjoi li pprova l-appellant waqt l intervista klinika, l-evalwazzjonijiet klinici, l-assesjar strutturat, u anke ir records ufficcjali, hija kkonkludiet li l-appellant kien dependenti fuq id-droga eroina sa madwar 1998 u fuq id-droga Kannabis sa madwar 2010 jew 2010. Dan ifisse li fix-xhur ta qabel dan il-kaz odjern l-appellant kien dependenti mill-kanabis.

Spjegat ukoll li mid-dijanosi li sar permezz ta' DSM -5, id-disordni fl-uzu kienet ta' livell sever fejn huwa mmarka f'ghaxar kriterji kien hdax bhala sintomi indikat sabiex isir dijanosi ta' disordni tal-kannabis. Hija kklasifikat l-qada tal- appellant bhala wahda ta' Severe Cannabis Use Disorder ( 304.30). L-istorja tieghu uriet li kien hemm bidliet konjuttivi fl-imgieba, dawk fizjologici u psiko- socjali fil-hajja ta' l-appellant li kienu rizultat jew li aggravaw minhabba l-uzu tal-kannabis. Konsegwenza ohra relatata kienet dik tal-kaz odjern.

Ikkonkludiet ukoll li kien hemm ragunijiet oggettivi li l-appellant tejjeb ferm is-sitwazzjoni tieghu f'kul qasam ta' hajtu inkluz dak ta' l-uzu tad-droga, fejn ghamel progress konsiderevoli u li ghamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruhu.

Ix-xhud ikkonkludiet billli qalet li l-appellant irnexxilu izomm il-boghod mid-droga u ghandu livel sodisfacenti ta' abilita. Dan id-disinn jidher li kien konsolidat peress li ilu sejjer b'dan il-mod ghal dawn l-ahhar divesi snin. Izjed minn hekk jerfa r-responsabilitajiet u jlahhaq ma l-obbligi tal-hajja. Ma jidhirx li hemm lok ghat thassib f'aspetti principali inkluz residenza, stil ta' hajja, support relazzjonijiet socjali, aspetti

kriminogenici, attitudini u hiliet personali. Qalet ukoll li l-appellant jinsab f'livel gholi ta' ansjeta peres li jinsab inkwetat hafna dwar l–esitu ta' dan il-kaz u l-impatt li jista' jkollu fuq ix-xoghol tieghu. Tant li jinsab inkwetant li jista' jitlef ix-xoghol jekk dan il-kaz jispicca fuq il-kondotta tieghu. Fil-prezent jinsab taht kura medika peress li kellu trombosi minhabba li sofra minn trombosi li huwa attribwixxa ghall-istess inkwiet.

Il-psikologa temmet tghid li tittama li jibqa miexi f-istess triq minghajr interuzzjonijiet sabiex isib srehan tal-mohh la rdarba jinqata' l- kaz u li jkun jista jsib stabilita anke fl-aspett ta' sahha mentali u dak mediku.

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-talba tal-appellant u dan fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2020 fejn l-Avukat Geneali oggezzjona ghat-talba tal appellant a bazi tal fatt li fil-fehma tieghu dan il-kaz u cioe ta' spacc ta' droga ma jinkwadrax ruhu fl-applikazzjoni tal-artikoli tal kapitolu 537 u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan it-tip ta reat jeskludi l-applikazzkoni tal-artikolu 8 tal-kap 537 u cioe li jkun hemm il- konversjoni ta' Drug Court.

Semghet lill-avukat difensur tal-appellant jghid li ma jaqbilx mat- tesi tal-Avukat Generali u dan ghaliex mhux minnu li l-artikolu 13 ta' kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malata jeskludi l possibilita li din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta' droga stante li hemm ostakolu fil-ligi fir-rigward ta' reati li jikkoncernaw spacc ta' droga.

Ikkunsidrat.

L-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-

8. *(1) "Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-*

*sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kullxhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet lipermezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

*(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kullliġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvatafuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienetfil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jewsplussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persunaakkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjalisabiex teħles mid-dipendenza mid-droga".*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe'
2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma

dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-appellant kien imressaq il-Qorti akkuzat bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. Konsegwentment ab initio l-appellant jista' jghamel talba ghal tali konversjoni purche it-tlett kundizzjonijeit imsemmija fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 8 huma sodifatti partikolarment li r-reati attribiwibbli mill-appellant kienu sostanjzlament attriwibbli ghad dipendenza pppruvata fuq id-droga tal-akkuzat, li r-reat li tieghu instab hati mhux reat kontra il-persuna u ma intuzaw l-ebda armi regolari, jew splussiv fil-kummissjoni tar-reat u fit-tielet lok hemm ragunijiet li ghandhom iwasslu lil Qorti li l-apellant vermanet jisxieq jehles mid-dipendenza tad-droga.

Fir-rigward tal piena attrinwibbli f'kaz ta htija ma hemmx konttazzjoni li din ma teccedix is-sebgha (7) snin prigunerija. Dwar it-tip ta reat li l-appellant hu akkuzat bih jinghad li dan hu reat proprju li jmiss mal-Ordinanza tad Drogi (Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta) u appuntu ir -reat ta' traffikar u pusses tad-droga Kannabis.

Jidher ghalhekk li l-appellant ma hux akkuzat b'reat volontarju kontra l-persuna u lanqas ma hu akkuzat b'reat kommess waqt li kien fil-pusess ta' arma regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv.

Sta ghalhekk ghall-appellant li jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-pesuna akkuzata x'aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew **<u>li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-droga</u>**[2].

Issa minn esami tal-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti li hija uodated sa Settmbru 2019 jidher li l-appellant ilu bil-problema ta abbuz ta droga ghal zmien twil u dan zgur a mis-sena 1996 (u ghalhekk akta minn 23 sena) kf jidher minn zew vconvictions registrati fuqha li jirreferu ghas-snin 1996 u 1997 . Di piu jirriuzlta mix-xhieda t Dr Holland li ma gietx kontradetta b'ebda prova kuntrarja li l-appellant baqa ghaddej b'dan l-abbuz zgur sas-sena 2010 u l-gimghat ta qabel. Ghalhekk zgur li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tul l-komissjoni tar- reati addebitati fil-konfront tal-appellant, l-

[2] Sottolinar ta din l-Onorabbli Qorti

appellant kien mahkum minn dan il-vizju mishut. Lli jirrizulta ukoll mix-xhieda ta Dr Holland li pero l-appellant kien ghamel sforz kbir sabeix izomm 'l boghod minn dan il-vizzju u jirrabilita ruhu f'dan ir rigward. Tant li Dr Holland tghid li fil-fatt l-appellant ghamel *kambjament kbir f'hajtu kien hemm ragunijiet oggettivi li l-appellant tejjeb ferm is-sitwazzjoni tieghu f'kul qasam ta' hajtu inkluz dak ta' l-uzu tad-droga, fejn ghamel progress konsiderevoli u li ghamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruhu*. Spjegat li ghandu stabilita f'hajtu u ghandu impieg regolari ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda li ma gietx kontestata jew kontradaetta *"hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga"*

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu ghamel referenza ghall-artikolu 13 tal kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta lij itkellem dwar *'Esklużjonijiet mill-applikabbiltà ta' dan l-Att' u* dan ghaliex fil-fehma tieghu ir- reat ta' spacc ta' droga *ut sic* hu eskluz mill-applikazzjoni ta' dan il-kapitolu.

Din il-Qorti ezaminat dak li jipprovdi dan l-artikolu u cioe li dan l-Att m'għandux japplika:

(a) *fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użupersonali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwadistanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, clubjew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejnnormalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jewKap. 31.Kap. 101.*

*(b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikawit-tieni proviso tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew*

*(ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.*

U kkonkludiet li dak mistqarr mill-Avukat Generali ma isbix widen fl-applikazzjoni tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur

f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur joggezzjona w semghet ukoll lil Dr Roberta Holland liema xhud qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u ghalhekk tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur